**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana**

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 38**

**26 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**38.1** **Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**38.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numru 36, 37 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ser jigu approvati fil-laqgha li imiss.

**38.3** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**38.4** **Komunikazzjoni mis-Sindku.**

38.4.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li fil-bidu ta' Novembru sar l-iffirmar ta' zewg kuntratti li jammontaw ghall- €91,000 mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir tisbieh bil-*porfido* madwar il-Knisja Parrokkjali parti minn-Trejqet Centru Parrokkjali, u wara is-sangristija fi Triq ta' Mulejja. Huwa infurmahom li il-flus huma mehudin mill-iskema Sebbah il-lokalita' tieghek ta' € 50,000 u ftit aktar mill €41,000 l-ohra mid-Development Fund (UIF).

38.4.2 Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-23 ta' Dicembru ser ikollna il-vista' tal-Eccellenza Taghha l-President ta' Malta lil-komunita' tal-Fontana fl-okkazzjoni tal-'Community Chest Fund' u ser issir serata bhas-sena l-ohra ta' madwar nofs siegha. Huwa informa lil Kunsill li diga' saru kuntatti ma' organizzatrici biex tiehu hsieb iz-zfin u kant. Il-Kunsillier Horace Micallef issugerixxa li tigi ikkuntatjata it-tifla li ser iddoqq il-flawt waqt Jum il-Fontana ukoll.

38.4.3 Is-Sindku informa lil Kunsill li saru 4 arbli tal-*stainless steel* u ser isirulhom il-hbula sabiex jittellghu il-bnadar. Il-Kunsill iddiskuta li jinqala' l-arblu li hemm fuq il-bejt tas-sala tal-komunita' wara li jitwahhlu il-godda. Il-Kunsill qabel rigward dan ix-xoghol.

38.4.4 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li l-istima li inghatatilna ghall-bank biex jitpogga' quddiem iz-zuntier ta' €486 hija gholja hafna allura ser jinxtraw il-gnub biss li jiswew € 140 mhux inkluz il-VAT. Ma dawn il-gnub jistghu jergghu jintuzaw l-injam tal-bank li kien tkisser b'daqqa ta' vettura u ghadhom fi stat tajjeb.



S. Borg

38.4.5 Is-Sindku qal li il-Kunsill irid jipprepara ghall-ikla tal-Milied lil anzjani li jghixu wahedhom kif ukoll l-harga tal-fuljett tal-Kunsill li jismghu Taghrif mill-Kunsill Tieghek.

38.4.6 Is-Sindku informa lil Kunsill li saret iz-zebra crossing ta' Triq il-Kappillan Guzepp Hili in-naha ta' Triq il-Ghajn. Il-Kunsillier Horace Micallef innota li hemm bzonn zewg tabelli fi Triq il-Ghajn fejn jindikaw li hemm zebra crossing u dan ix-xoghol ghandu isir mitlub lil Ministeru ghall-Ghawdex billi din hija triq principali.

38.4.7 Is-Sindku informa lil Kunsill li l-playing field tranga bi pjanti godda u tnehhew in-niexfa.

38.4.8 Is-Sindku qal li kellem lil William Xuereb rigward il-bini tal-hajt tas-sejjieh u qablu li ser jiehu € 45 mhux inkluz il-VAT kull trakk tal-gebel tas-sejjieh u € 30 inkluz il-VAT fis-sigha ghall-uzu tal-bobcat.

38.4.9 Is- Sindku informa lil Kunsill li sar it-tqassim mis-sala tal-Komunita' tal-bins tas-Sort it Out lir-residenti tal-lokalita'. Kien hemm konkorrenza tajba li sahansitra ma kienx ghad baqa' bins bizzejjed ghall-kulhadd u kellhom igibu aktar bins fil-jiem li gejjin. Peress li kien hemm hafna aktar talbiet wara il-jum meta gew imqassma, il-Kunsill gabar l-informazzjoni halli jerggha igib konsenja ohra ta' bins.

38.4.10 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-Hamis li ghadda attenda flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghall-appell li ghamel l-Avukat Generali dwar is-sentenza li ta il-magistrat Mifsud dwar il-kaz tal-computers. Huwa informa lil Kunsill li is-seduta li imiss tat-8 ta' Marzu hija ghas-sentenza skont kif gew infurmati.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5:48pm u reġgħet kompliet fil-5:52pm**

38.4.11 Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar is-27 ta' Novembru hemm l-appell rigward it-tender tal-fanali ghall-diversi toroq u ser jattendi il-bord tal-evalwazzjoni kollu kif kien mitlub, flimkien mas-Sindku u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

38.4.12 Il-Kunsill gie infurmat rigward il-fatt li il-bins li ser jigu mixtrija bil-premju tal-Wasteserv waslu Malta u fi ftit jiem ser ikunu fil-garage tal-Kunsill sabiex jitwahhlu fejn ikun hemm bzonn madwar il-lokalita'.



S. Bez

38.4.13 Il-Kunsill iddiskuta il-harga ta' Sqallija. Is-Sindku informa lil Kunsill li hija btala ta' 2 iljieli fuq bazi bed and breakfast u li ser tkun tiswa madwar €355 ghall kull persuna. Il-Kunsillier Mario Mercieca gibed l-attenzjoni rigward id-dati sabiex jergghu jigu riveduti.

38.4.14 Il-Kunsill qabel li ghandna inqassmu l-envelopes lir-residenti tal-lokalita' u il-kaxxi fil-hwienet sabiex jingabru il-flus ghall-Community Chest Fund sabiex jinghataw lil-President ta' Malta waqt iz-zjara taghha.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-6:00pm u reġgħet kompliet fil-6:21pm**

38.4.15 **Jum il-Fontana**

Is-Sindku informa lil Kunsill li jixtieq jitlob lil Kappillan tal-parrocca sabiex ibierek il-monument il-gdid f'Jum il-Fontana. Huwa issuggerixxa ukoll li isiru xi inviti specjali ghall-kappillan, oht il-mibki Mons. Bajada u l-ex-Speaker tal-Parlament flimkiem mad-Deputati u Segretarji tal-Parlament u Ministru ghall-Ghawdex. Il-Kunsill qabel ma din il-proposti.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iskrizzjoni li kienet ser tintuza' fuq il-mafkar tal-vittmi tal-loghob tan-nar ser tinbidel minhabba li huwa gie avvicinat madwar gimgha qabel l-attivita', minn zewg familjari tal-vittmi billi sabu oggezzjoni li issemmew l-ismijiet. Dan peress li dehrilhom li ser ikun hemm kunflitt ta' interess billi huma familjari tas-Sindku u kunsilliera u ghalhekk ser jirrapportaw lid-dipartiment rigward da nil-kaz.

38.4.16 Is-Sindku informa lil Kunsill li l-allokazzjoni ghas-sena 2019 hija ta' € 158,000. Fis-sena 2018 kellna allokazzjoni ta' € 155,000 u ghalhekk kien hemm ftit zieda.

38.4.17 Il-Kunsill qabel li il-laqgha tal-komunita' ghandha issir ezatt qabel il-laqgha tal-kunsill. Fl-istess serata issir ukoll l-ikla annwali tal-Milied bejn il-Kunsill u il-haddiema tal-Kunsill.

**38.5 Hruġ ta' Offerti u Ħaddiema tal-Kunsill**

Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

Is-Sindku ippropona lil Kunsill il-bord tat-tender tal-*air conditions* jibqa' l-istess li kien fuq it-tenders l-ohra tal-fanali. Izda fuq il-bord tat-tender tat-tarmac f'parti



S. Boy

minn Triq il-Ghajn jidhol il-Perit Saliba u l-Avukat Mintoff. Is-Sindku informa lil Kunsill li waqt l-evalwazzjoni irid ikun hemm prezenti il-perit tal-Ministeru ta' Ghawdex bhala osservatur skond it-talba tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv talbet li il-laqgha tigi sospiza sabiex tigi diskussa il-wirja ta' pittura li kienet ser taghmel fis-sala tal-komunita'.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-6:20pm u reġgħet kompliet fil-6:55pm**

Il-Kunsill qabel li din il-wirja issir halli ma tigix ikkancellata parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana bhal ma gie deciz fil-laqgha ta' qabel.

**Tizjin tad-dawl fit-toroq fi zmien tal-Milied**

Is-Sindku ippropona li it-tizjin tat-toroq Alessandro Franchi u Gaspard le Merchant isir bhas-snin li mghoddija u jinghataw bil-prezz ta' €700 lil Michael Bugeja u il-Kunsill qabel.

**Tizjin tat-Triq Kappillan Hili**

Is-Sindku ipprezentu disinn ta' Chris Gauci ghall-prezz ta' €1000. Dan qed isir biex inwettqu il-weghda li ghamilna li ser isir tizjin gdid ghall-din it-triq peress li ghalkemm hargu zewg offerti u ma inghatawx ghar-raguni li l-ewwel wahda kienet over-budget u it-tieni darba il-kuntrattur ma pprovdiex l-informazzjoni mitluba mill-kumitat tal-evalwazzjoni u ghalhekk kellha tigi imwaqqa'. Il-Kunsill qabel li ix-xoghol isir fuq Direct Order. Id-dawl ghandu jinxtghel nhar it-8 ta' Dicembru. Dwar din l-offerta lil Chris Gauci, il-kunsillier Mario Mercieca ma jaqbilx ma dan ix-xoghol filwaqt li is-Sindku u il-kunsilliera l-ohra qablu unanimament.

**Tizjin tat-Triq il-Ghajn**

Dwar it-tizjin ta' Triq il-Ghajn is-Sindku ppropona li issir bil-prezz tas-soltu ta' €1150 bil-kundizzjoni li il-festuni li kienu jintramaw fit-Triq il-Kappillan Hili, jintramaw fi Triq il-Ghajn minn-Triq Kappillan Hili il-fuq fejn sal-lum ma kienx isir tizjin. Il-kunsilliera Mario Mercieca u Horace Micallef ma qablux izda l-kunsilliera l-ohra flimkien mas-Sindku qablu li isir hekk ix-xoghol. + Horace qal li jithallsu l-istess flus u jarmaw is-soltu. Is-Sindku irrisponda li ma jistax izid il-prezzijiet minn jeddu il-Kunsill billi flus il-poplu

minn fejn il-Knisja sa PP Hili str.

Manolita Farrugia

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li l-iskrivan tal-Kunsill mhux qieghed jahdem skond il-ftehim kollettiv u dan ghandu jigi irrangat peress li il-



S. Boy

hinijiet tax-xoghol kienu tbiddlu fil-laqgha ta' April li ghadda u ix-xoghol ta' matul il-jum tas-Sibt kien gie inkorporat fl-40 sigha xoghol tal-gimgha kontra kif inhu stipulat fil-Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament li huma biddlu il-hinijiet fuq parir moghti mis-Segretarju Ezekuttiv ta' dak iz-zmien u jekk ma huwiex skond il-ftehim kollettiv jerggha jsir kif kien qabel u jinghata hlas ta' *overtime* kif kien jinghata qabel lil impjegat jekk hu jaqbel.

Saret harga socjo-kulturali f'Malta fejn zorna il-monti ta barra Bieb il-Bombi, il-Kappella Medjevali ta' Hal Millieri fiz-Zurrieq kif ukoll is-Sliema u il-Madliena. Attendew 34 persuna fosthom is-Sindku.

**38.6 Korrispondenza u Ilmenti**

38.6.1 E-mail mingħand ic-*chief executive officer* tal-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu, li fiha qed jagħti informazzjoni il-*Gozo Tourism Awards 2018*. In-nominazzjonijiet għal dan il-premju jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa 14 ta' Diċembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.2 Ċirkulari numru 137/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Stqarrija AKL 31102018 – Tqassim ta' konterituri għall-iskart organiku'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.3 E-mail mingħand ic-*chief of staff* fl-Uffiċċju tal-President, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li l-Uffiċċju tal-President għadu kemm ippubblika żewġ kotba bil-għan li jinġabru fondi għall-*Malta Community Chest Fund*. Iż-żewġ kotba jisimhom '*Encounters with Valletta A Baroque City Through The Ages*' u 'Tisjir mill-Qalb'. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 5 kopji tal-ktieb *'Encounters with Valletta A Baroque City Through The Ages'* li jiswew €80 il-wiehed sabiex jinghataw bhala rigali meta ikun hemm bzonn.

38.6.4 Ċirkulari numru SPI 12/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u *Sports*'. Is-Sindku innota li l-Kunsill diġa' applika biex jiffinanzja diversi attivitajiet fiżiċi għal kategoriji differenti ta' nies matul is-sena li ġejja. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li



S. Boy

peress l-applikazzjoni skadiet qabel il-laqgħa, bi qbil mas-Sindku applikajna għall- €4000 attivitajiet li ivarjaw bejn aerobics, yoga u pilates.

38.6.5 Ċirkulari numru 138/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF)'. Il-Kunsill qabel li għandna nissieħbu f'dan il-ftehim.

38.6.6 Ċirkulari numru 139/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Health and Safety Seminar 27/11/2018'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.7 E-mail mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet li fiha l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex qed jiġu infurmati li bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika tar-riforma fil-Gvern Lokali, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis ser jiltaqa' mar-residenti Għawdxin nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru fis-6.30pm fil-Każin tal-Banda tax-Xewkija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.8 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed issir stedina lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex sabiex jattendu għall-konferenza ta' għeluq ta' ECP Malta li ser issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.9 Ċirkulari numru 140/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'LESA Seminar – Traffic Management Services'. L-iskrivan tal-Kunsill attenda ghall dan is-seminar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.10 E-mail mingħand rappreżentanta tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex tattendi għall-konferenza nazzjonali bit-tema 'In-Nisa u l-*Addiction*' organizzata mill-istess Fondazzjoni, liema konferenza ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.6.11 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jigu maghmula l-performance appraisals ghall-haddiema fix-xahar ta' Jannar.



S.Bog

38.6.12 Email minghand il-kappillan fejn qieghed jistieden lil Kunsill ghall-Kuncert nhar iz-17 ta' Novembru fil-Knisja u sabiex jghaddielna il-programm tal-Festa ta' Sant Andrija.

38.6.13 Email minghand il-manager tal-kumpanija tal-assikurazzjoni sabiex jaghti aktar taghrif rigward il-posizzjoni tal-Kunsill u l-assikurazzjoni tal-assi tat-triq.

38.6.14 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qieghed jaghddi l-informazzjoni rigward il-Best Practices u jitlob il-Best Practices tal-Kunsill.

38.6.15 Stedina mill-Ministeru ghall-Ghawdex sabiex is-Sindku jattendi ghac-cerimonja tal-11 ta' Novembru.

38.6.16 Email minghand il-Green MT sabiex tinfurmana b'zieda ta' gbir ta' skart reciklabbli minn meta beda isir is-separazzjoni tal-iskart li tibda minn Novembru 2018.

38.6.17 Emails minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti rigward l-appell tat-tender FLC 10/2018.

38.6.18 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jistidnu lil Kunsill sabiex jattendi konferenza rigward l-allokazzjoni finanzjarja.

38.6.19 Cirk DLG 10/2018 minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn jgharraf lil Kunsill rigward l-allokazzjoni finanzjarja 2019.

38.6.20 Cirk DLG 9/2018 – Sistema ghall-file sharing

38.6.21 Cir AKL 2018/141 – Mezzi alternattivi ta' Trasport gewwa l-lokalitajiet

38.6.22 Cir AKL 2018 /142 – CA Sites

38.6.23 Cir AKL 2018/143 – Ahbar ta' mewt ta' kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Gzira.



S. Boy

38.6.24 Mistoqsija parlamentari nr 7979 - ***Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu flus is-sena li għaddiet il-Kunsilli Lokali fuq tenders tal-iskart kif ukoll kemm ħallas kull kunsill lil Wasteserve biex jintrema l-iskart?***

38.6.25 Email minghand il-Bord ta' Governanza sabiex jinforma lil Kunsill sabiex ihallas li hu dovut lil minn ghamel ix-xoghol fuq il-computers. Il-Kunsill qabel li informa lil-bord permezz tal-avukat tal-Kunsill li dan il-kaz qieghed quddiem il-qorti tal-appell.

38.6.26 Cir AKL 2018/144 – Cycling policy meeting 20/11/2018

38.6.27 Email minghand il-Ministeru tal-Gvern Lokali fejn qieghed jinforma lil Kunsill li sar il-hlas tal-streaming li jammonta ghall-€849.25.

38.6.28 Email minghand il-Gozo Bird Breeders Society sabiex jistiednu iz-zaghzagh tal-lokalita' sabiex jiltaqghu maghhom halli jiddiskutu in-namra lejn l-ghasafar u kif tkattar l-ispeci differenti.

38.6.29 Cir AKL 2018/145 – Participation in the European Week for Waste Reduction Awareness Campaign.

38.6.30 Email minghand il-kappillan tal-Parrocca tal-Fontana fejn qieghed jipproponi attivita' ghat-tfal bit-train lejliet Sant'Adrija wara il-quddiesa tad-9.00am u qieghed jitlob sabiex il-hlas ghall-din l-attivita' isir minn naha tal-Kunsill li jitla' ghall-€150. Is-Sindku informa lil Kunsill li din it-talba saret wara li il-programm tal-festa ta' Sant Andrija kien diga' ilhu li hareg aktar minn 10 ijiem u ma kien hemm xejn imsemmi dwar din l-attivita'. Il-Kunsill ma qabilx unanimament minhabba ragunijiet varji fosthom is-sigurta' tat-tfal waqt din l-attivita'.

38.6.31 Email ta' stedina minghand l-EMCS ghall-roundtable discussion nhar id-29 ta' Novembru.

38.6.32 Cir AKL 2018/146 – Preparamenti Traffiku – 23 Novembru – Black Friday.



S. Borg

38.6.33 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali – ERA Questionnaire: Operational efficiency and effectiveness of the Packaging Waste Recovery Schemes.

38.6.34 Memo 7/2017 – Lifelong learning 2017/2018 – fejn gejna infurmati li gie iddepozitat il-bank l-ammont ta' €750 sabiex skond il-ftehim jinxtraw 2 computers. Il-Kunsill qabel li dawn il-computers jinxtraw.

38.6.35 Email minghand *aerobics trainer* fejn qed joffri it-tghalim tal-aerobics ghall matul is-sena 2019 u il-lezzjonijiet jibdew f'Jannar. Huwa jixtieq ikun jaf il-Kunsill ghux lest joffri is-sala b'xejn jew jekk hemmx xi mizata halli f'dak il-kaz ikun jista' jikkalkola il-prezz tal-korsijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti hlas ta' €1 ghall-kull persuna li tattendi ghall-kull lezzjoni u li ikun hemm xi qliegh bhas-sena l-ohra fuq l-uzu tas-sala.

38.6.36 Email minghand il- Malta Intelligent Energy Management Agency (MIEMA) fejn tistieden lil Kunsill ghall-Seminar finali tal-Enerselves Endorsement nhar id-29 ta' Novembru 2018.

38.6.37 Cirk AKL 2018/147- Minuti tal-laqgha tal-ezekuttiv nr 12 emendati u Minuti laqgha tal-Ezekuttiv nr. 13

38.6.38 Email minghand kumpanija privata sabiex tara hemmx interess minn naha tal-Kunsill sabiex isir programm televiziv fuq il-lokalita'. Il-Kunsill innota' din l-email.

38.6.39 Email minghand il-kumpanija tal-insurance fejn tinforma aktar fuq is-sitwazzjoni rigward il-Memo li hareg id-Dipartiment tal-Gvern Lokali xi snin ilu sabiex ma jigux insurjati assi fit-toroq. Il-Kunsill qabel li ghandna insaqsu gwida lid-Direttur tal-Gvern Lokali u sakemm ikollna risposta cara tibqa' issir l-insurance fuq kollox.

38.6.41 Email minghand il-kappillan tal-lokalita' sabiex jistieden lil Kunsill ghall-Pontifikal tal-festa ta' Sant Andrija. Il-Kunsill kollu qabel li jattendi apparti is-Sur Cefai u ghalhekk ser tintbghat twegiba bl-email.



S. Borg

38.6.42 Talba minghand residenta rigward il-hadida ta' quddiem id-dar taghha izda il-Kunsill diga' kien ha id-decizzjoni li din ma issirx.

38.6.43 Talba minghand resident sabiex jithawwlu sigar lokali f'post fil-Fontana skond kif kien mitlub mill-Planning Authority billi ser jaqla xi sigar protetti sabiex jibni. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-uniku post li jista' isir dan huwa fil-wied tax-Xlendi fejn sar it-tindif mill-Kunsill. Huwa ippropona li ikunu tal-luq li huma sigar indigeni u jaqblu ma dak l-ambjent li huwa bl-ilma gieri is-sena kollha. Il-kunsillier Horace Micallef innota li il-permess sabiex jithawwlu, l-ispejjez kollha u approvazzjoni mill-ERA ghandu kollox isir mir-resident. Hemm bzonn jittiehdu ritratti meta jithawwlu is-sigar bhala prova fil-kaz li dawn jigu ivvandalizzati fil-futur.

38.6.44 Talba minghand resident sabiex issir bankina gdida quddiem il-propjeta' tieghu sabiex titkompla skond kif inhi maghmula il-bqija tal-bankina. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandna nghadduh lill-awtoritajiet kompetenti.

38.6.45 Talba minghand residenta fejn qed titlob li issir tabella Tarmix Zibel hawn ma residenza ta' ommha. Peress li vojta il-Kunsill ma qabilx li issir.

38.6-46 Horace gibed l-attenzjoni li ma ikkuntattjajniex lil Zenith.
Manolita Farrugia

**38.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-9:30p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru 2018 fil-5.30p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Saviour Borg
**Saviour Borg**
**Sindku**

Manolita Farrugia
**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**